MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1871/2003

**Paul u Carmen Mifsud**

**vs**

**Joseph Farrugia President, Vincent Gauci Segretarju, Vincent Bellizzi Tezorier, Zurrieq Football Club.**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-24 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub illi l-konvenuti bhala rapprezentanti taz-Zurrieq Football Club jigu kkundannati ihallsu lill-atturi s-somma ta' erbgha mija u ghoxrin il-lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm420.45) bl-imghax kummercjali mill-konsenja tax-xoghol sad-data tal-pagament effettiv rapprezentanti materjal u xoghol ta' hjata maghmula mill-attrici fuq ordni ta' l-istess konvenuti u li l-istess xoghol u materjal gie konsenjat a sodisfazzjon tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallasu lill-atturi s-somma ta' erbgha mija u ghoxrin il-lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm420.45) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------